StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

**IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) Il-Ħin: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________ Il-Klassi: __________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. L-istudenti jridu jwieġbu Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| identità Maltija | ir-reklam | il-kultura | ix-xogħol | xogħol volontarju |
| il-libertà | valuri | ċittadini globali | id-diskriminazzjoni | il-pluraliżmu |
| komunità | kurattiva | saħħa soċjali | saħħitna | mass midja |

1. ______________________ hija l-mod t'għajxien ta' poplu, li fost l-oħrajn tinkludi l-valuri, it-tradizzjonijiet u t-twemmin.
2. Dieta tajba, l-eżerċizzju u stil ta' ħajja tajjeb għandhom jgħinu sabiex inkunu b'______________________.
3. ______________________ jirreferi għal diversità ta' gruppi soċjali bl-ideat differenti tagħhom, iżda li jkollhom l-istess opportunitajiet, drittijiet u dmirijiet.
4. ______________________ hija l-kapaċità tal-individwu li jagħmel dak li hu ta' ġid għalih u għall-oħrajn.
5. Il-bandiera Maltija u l-lingwa Maltija huma karatteristiċi tal-______________________ .
6. Bħala ______________________ għandna naħdmu biex id-dinja tkun aħjar għall-ġid ta' kulħadd.
7. ______________________ huwa dak li jagħmlu ħafna persuni fis-soċjetà mingħajr ħlas.
8. Permezz tal-______________________ persuna tista' twassal messaġġ lil ħafna nies f'daqqa.
9. Il-ġenerożità u l-onestà huma ______________________ li jgħinu lill-bnedmin ikunu ta' karattru sod, kuntenti u ta' ġid għall-oħrajn.
10. ______________________ huwa forma ta' komunikazzjoni, li l-funzjoni tiegħu hija li tipperswadi lin-nies biex jixtru.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

11. ______________________________ huwa mezz ta' għajxien li permezz tiegħu ku...

jkun qiegħed jaqla' l-flus.

12. ______________________________ tirreferi għal kif in-nies iġibu ruħhom ma' ta' madwarh...

13. ______________________________ tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

14. Wieħed mid-dmirijiet taċ-ċittadin huwa li jipparteċipa fl-attivitajiet tal-______________________________.

15. Iċ-ċentri tas-saħħa u l-isptarijiet jipprovdu saħħa ______________________________.

**(15-il marka)**

**Taqsima B: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba.**

1. **L-etika tax-xogħol tikkonsisti minn**
   a) persuni mingħajr xogħol li qed ifittxu impjieg
   b) sett ta' valuri bbażati fuq il-bżulija u d-diliġenza
   c) xogħlijiet differenti

2. **L-email hija**
   a) grupp soċjali
   b) liġi stabbilita mis-soċjetà
   c) posta elettronika

3. **Normi soċjali huma**
   a) regoli li jmexxu l-għemil u l-imġiba tal-bniedem fis-soċjetà
   b) regoli miktuba
   c) id-drittijiet ta' kull individwu

4. **Il-produzzjoni tinkludi**
   a) postijiet li fihom in-nies jistgħu jsibu x-xogħol
   b) attivitajiet li jinvolvu l-produzzjoni ta' oġġetti differenti
   c) awtoritajiet differenti

5. **Identità Ewropea tfisser li jien**
   a) ċittadin Malti u Ewropew
   b) ċittadin Malti biss
   c) m'għandi l-ebda drittijiet

6. **Is-soċjetà hija**
   a) il-proċess li bih tagħraf kif għandek tgħix mal-oħrajn
   b) grupp ta' familji li jgħixu fl-istess lokal
   c) organizzazzjoni ta' gruppi u individwi mibnija fuq normi u liġijiet

7. **Rwol huwa**
   a) riskju ta' saħħa
   b) is-sehem li wieħed irid jagħti fil-grupp li jkun fih
   c) drawwa Maltija

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. **Valuri ċiviċi huma**
   a) il-prinċipji li jgħinu liċ-ċittadini jirrispettaw lil pajjiżhom
   b) post fejn il-libertà tal-kelma ma teżistix
   c) il-prezz tas-suq

9. **Soċjetà konsumerista tfisser**
   a) persuni li ma jagħtux każ tar-reklami
   b) persuni li jagħtu servizz lis-soċjetà
   c) soċjetà li tagħti importanza lill-ġid tal-bniedem

10. **Liema minn dawn hi l-aktar forma qadima ta' mass midja?**
   a) il-gazzetta
   b) it-televiżjoni
   c) ir-radju

**(10 marki)**

**Taqsima C: Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex.**

1. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (l-ETC) għandha r-rwol li tħarreġ persuni qiegħda. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ______________________________________________

2. Ix-xogħol jgħinna biex niltaqgħu ma' persuni oħra. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ______________________________________________

3. Ir-riżorsi u l-materja prima biex nipproduċu l-prodotti ma jispiċċaw qatt. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ______________________________________________

4. Is-soċjetà tistenna li ċ-ċittadini tagħha jkunu kapaċi jieħdu telfa. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ______________________________________________

5. Bħala konsumatur responsabbli, meta mmur nixtri nistenna li tal-ħanut jagħtini basket tal-plastik. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ______________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Aqra din is-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

Il-mass midja għandhom il-potenzjal li jinfluwenzaw mhux biss l-istil ta' ħajja li n-nies jgħixu, iżda wkoll is-saħħa tagħhom. Is-saħħa ta' persuna m'għandha qatt tiġi mċekkna jew imwarrba. Tant hu hekk li s-saħħa qed tingħata importanza kbira fl-iżvilupp soċjoekonomiku ta' pajjiż. Il-kura tas-saħħa titqies bħala dritt fundamentali tal-bniedem. Il-mass midja jistgħu jkunu sorsi importanti ta' informazzjoni biex l-individwi jkunu responsabbli u jgħollu l-livell ta' saħħithom.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Mistoqsijiet**

1. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' mass midja li b'xi mod jaffettwaw il-ħajja tiegħek. Spjega kif da jinfluwenzawk.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (4)

2. Spjega kif persuna għandha tkun responsabbli biex ikollha livell tajjeb ta' saħħa.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (3)

3. Taħseb li r-reklami li naraw fuq il-mass midja jgħinuna biex nieklu tajjeb? Għaliex?

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (2)

4. X'tifhem bil-frażi **saħħa ħolistika**?

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (2)

5. Għaliex taħseb li l-Gvern Malti qed jipprovdi servizzi tas-saħħa b'xejn liċ-ċittadini tiegħu?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (3)

6. L-immigranti irregolari jingħataw kura b'xejn fl-isptarijiet tagħna. Taħseb li dan hu sewwa? Għaliex?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (3)

7. Semmi **ŻEWĠ** sptarijiet li għandna f'Malta u ddeskrivi s-servizzi ta' kura li dawn jipprovdu.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________ (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. Għaliex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għad m'għandhomx servizz tajjeb f'qasa[illegible] importanti bħas-saħħa?

(4)

**(25 marka)**

**Taqsima E: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.**

1. Kif il-mass midja qed jinfluwenzaw lis-soċjetà?

(5)

2. Bħala ċittadin għandi diversi reponsabbiltajiet x'naqdi. Semmi **ĦAMES** eżempji mill-ħajja ta' kuljum biex turi kif aħna nistgħu nkunu ċittadini responsabbli.

(5)

3. X'tifhem bil-frażi *time management* (il-prattika ta' kif jitqassam il-ħin)?

(5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. L-edukazzjoni hija l-bażi biex il-konsumaturi jkunu jafu d-drittijiet tagħhom. Semm... drittijiet oħra li għandek int bħala konsumatur.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________(5)

**(20 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u ikteb madwar 170-200 kelma dwarha fuq karta separata.**

1. L-ekonomija hi maqsuma f'setturi differenti. Spjega kull wieħed minn dawn.
2. Iddiskuti kif il-mass midja jgħinu fil-proċess tal-globalizzazzjoni.
3. Id-dmirijiet ta' persuna jħarsu d-drittijiet taċ-ċittadini l-oħra. Iddiskuti.
4. Persuni differenti jħarsu lejn ix-xogħol b'mod differenti. Iddiskuti.

**(20 marka)**

**Total tal-karta: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers
StudentBounty.com